# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Marzu, 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 966/97 DM**

**St. George's Park Company Ltd**

**vs**

**Eric Pace Bonello ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Brittania Financial Services Limited**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. B'avviz taghha s-socjeta' attrici appellanti talbet li l-konvenut nomine jidher u jghid ghaliex m'ghandux jigi kundannat li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' disa mija u erba u tletin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm934.22c) flimkien mal-imghax mill-11 t'April 1966, import ta' kwantu, ghal sitt mija u tlieta u erbghin lira Maltija u erba w tmenin centezmu (Lm643.84c), arretrati ta' maintanance charges dovuti in konnessjoni mal-proprjeta' tieghu f'numru 132, Verdala Court, St. George's Park, St. Julians, kwantu ghall-mitejn u tmienja w sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu

(Lm268.61c) bilanc ta' somma akbar, import ta' maintainance charges ghas-sena 1996, u kwantu ghall-wiehed u ghoxrin lira Maltija u seba u sebghin centezmu (lm21.77c), bilanc ta' somma akbar, import ta' maintainance charges ghas-sena 1995, fuq l-istess proprjeta' flimkien mal-imghax legali mill-11 t'April, 1966 ; bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 t'April 1996 u tal-14 ta' April 1997 kontra tieghu.

**<u>L-ECEZZJONIJIET TTAL-KONVENUT NOMINE</u>**

2. Il-konvenut nomine eccepixxa illi fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda rapport guridiku mas-socjeta' attrici u fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut noe eccepixxa eccepixxa li l-ammonti mitluba ma humiex dovuta ghas-segwenti ragunijiet ;

i. is-service charge kellha tkun abbazi ta' 12.5% mhux abbazi ta' 16% kif giet mahduma ;

ii. giet mizjuda t-taxxa tal-VAT fuq kull ammont u mhux fuq is-servizzi biss ;

iii. hemm diversi tnaqqisiet li kellhom isiru li baqghu ma sarux riferibbilment ghall-ammont ta' appartamenti li jiehdu s-servizzi u ghat-traffic barrier ghall-istess flimkien ma' spejjez konnessi mas-satellite dish ;

iv. barra minn dan, hemm spejjez zejda u li ma kellhomx jigu attribwiti lilu in konnessjoni mas-salarju tal-watch man u s-shifts u overtime zejda ;

b'rizerva ta' eccezzjonijiet ohra.

3. Illi b'nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, l-konvenut nomine eccepixxa illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut billi s-socjeta' attrici accettat pagamenti minghand l-eccipjenti ghas-saldu tal-pretensjoni taghha, liema pagamenti qed jigu annessi bhala Dokumenti FTG1 sa FTG17 ; b'rizerva ta' eccezzjonijiet ohra.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. Illi b'sentenza taghha tat-12 ta' Jannar 2001, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghat l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti (sic.) u rrespingiet u cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi (sic.)

**L-APPELL TAS-SOCJETA' ATTRICI**

5. Is-socjeta' attrici hasset ruhha aggravata bl-imsemmija sentenza u interponiet appell minnha fuq l-aggravju segwenti :-

Fl-ewwel lok, li ghalkemm in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri giet prezentata mill-konvenut bla ma gie rispettat il-vot tal-ligi kif espress fl-art. 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti xorta wahda hadet

konjizzjoni taghha u ammettietha u fit-tieni lok, li ghalkemm l-ewwel Qorti semghet il-provi kollha fil-mertu, xorta ddecidiet il-kawza biss fuq in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri u cahdet it-talba attrici, minkejja t-trattazzjoni orali, fejn gie sottomess li n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ma kienitx ammissibbli skond il-ligi.

(i) Illi dwar l-ewwel aggravju jintqal li l-konvenut nomine kien ipprezenta n-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu fil-mertu fil-5 ta' Gunju 1997. Fl-ewwel dehra quddiem l-ewwel Qorti li saret fis-27 ta' Gunju 1997, ma ssemma xejn li ried jaghti xi eccezzjoni ohra u l-kawza thalliet ghall-provi ghas-16 ta' Ottubru 1997. Gara pero' li fl-14 ta' Awissu 1997, il-konvenut noe pprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fejn eccepixxa li hu kien ghamel pagamenti ghas-saldu b'cheques u s-socjeta' attrici accettat dawn il-pagamenti ghas-saldu tal-pretensjoni taghha.

Illi l-artikolu l-gdid 728 tal-Kap. 12, introdott bl-Att XXIV tal-1995, jiddisponi b'mod car u inivoku fis-sub-inciz (2) tieghu li "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza" u dana ghaliex skond is-subinciz (1) "l-eccezzjoni kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-mertu, ghandhom jinghataw fin-Nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz." Illi s-subinciz (2) pero' jghid ukoll li l-Qorti "tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut jew appellat tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet, jekk din tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta."

Illi f'dan il-kaz, ma sar ebda rikors mill-konvenut u dan qabad u pprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri u b'hekk inkiser il-vot tal-ligi fuq espress. L-ewwel Qorti kien imissha ordnat l-isfilz tal-eccezzjoni ulterjuri. Izda dan ma ghamlitux. Minflok qatghet u ddecidiet fuqha biss.

Illi tabilhaqq kien ikun ferm difficli li l-konvenut nomine jissodisfa lill-ewwel Qorti li kellu raguni validi biex din l-eccezzjoni originali tieghu, u dana ghaliex din hi bazata unikament fuq dokumenti li kienu minn dejjem fil-pussess tieghu u cioe' l-ittri u l-korrispondenza skambjata bejnu u bejn is-socjeta' attrici. Jigifieri, anki kieku l-konvenut nomine mexa skond l-art. 728(2) u pprezenta rikors fejn jitlob li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, wkoll l-ewwel Qorti ma kienx imissha tilqa talba simili ghax il-konvenut ma kellhux raguni bizzejjed biex jipprezenta n-nota tal-eccezzjoni dwar il-hlas ghas-saldu daqshekk tard. Ghalhekk din in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ma jmissha qatt giet ammessa ghal zewg ragunijiet kif fuq dettaljat. Ghalhekk l-esponenti qed jitlob li din in-Nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tigi sfilzata u ma jittiehidx konjizzjoni taghha aktar minn din il-Qorti u mill-ewwel Qorti u l-process jigi rimess lilha ghad-decizjoni fuq it-talba u l-eccezzjoni kontenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet originali tal-konvenut noe.

(ii) Subordinatament, anki jekk l-ewwel aggravju ma jigix akkolt minn din l-Onorabbli Qorti, xorta wahda s-sentenza appellata ghandha tigi

revokata, ghax l-eccezzjoni ulterjuri, anki jekk ammessa, ma kellha qatt tigi akkolta. Din l-eccezzjoni di fatti tghid testwalment hekk : "Illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut billi s-socjeta' attrici accettat pagamenti minghand l-eccipjenti ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha." Illi dan, bhala fatt, zgur li mhux korrett. Li kien qed jigri sena wara l-ohra kien li l-konvenut noe, li kellu l-obbligu naxxenti mill-kuntratt li jikkontribwixxi u jhallas ghall-spejjez tal-manutensjoni, kien jaqbad u jistma hu unilateralment kemm ghandu jhallas u jibghat dan l-ammont lis-socjeta' attrici bil-kwalifika li qed ihallas ghas-saldu. Is-socjeta' atrici, sena wara l-ohra kienet tiktiblu lura u tghidlu li hi ma kienitx qed taccetta l-hlas ghas-saldu imma biss akkont u tirrizerva li tesigi l-hlas tal-bilanc, kif fil-fatt ghamlet b'zewg citazzjonijiet, wahda deciza mill-Qrti tal-Kummerc (Onor. Imhallef J. Filletti) u f'din il-kawza. Is-socjeta' attrici kienet tipprezenta ittri ufficjali biex tinterrompi kull preskrizzjoni u imbaghad tipprocedi ghall-hlas gudizzjarjament tal-bilanci li jkunu akkumulaw. Tant kien jaf il-konvenut nomine li l-pagament li kien qed jaghmel "tongue in cheek" ghas-saldu, ma kienux ghas-saldu, li quddiem il-Qorti tal-Kummerc, fejn kienet intalbet somma akbar bilanc ta' diversi snin, lanqas biss issolleva l-eccezzjoni li kien hallas per saldu u kkontesta biss fuqha kwistjonijiet ohra bla success, kif jidher mis-sentenza esebita fil-process. Del resto, lanqas f'din il-kawza ma hass li ghandu jaghti eccezzjoni hekk importanti ta' hlas per saldu fin-nota tal-eccezzjoni originali tieghu. Kien biss fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri li hass li ghandu jaghmel dan. Illi ghalhekk bhala fatt mhux veru li s-

socjeta' attrici qatt accetta il-hlas per saldu. Xhieda ta' dan hemm l-ittri ta' kull sena kienu jintbaghtu lill-konvenut nomine u li huma esebiti fil-process. Mela bhala fatt l-eccezzjoni ulterjuri hija zgur infondata u inveritjiera.

Illi pero' l-appellant noe. ghamel riferenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell dwar fejn jigi offrut hlas b'cheque per saldu u c-cheque jigi accettat u l-ewwel Qorti jidher li bbazat id-decizjoni taghha fuq dawn is-sentenzi lilha citati. Illi bir-rispett kollu lejn dawn is-sentenzi u lejn il-Qrati li ppronunzjawhom, jidher li hemm punt ta' ligi li forsi gie njorat ghal kollox. Meta inti ghandek kreditur li qed jesigi l-hlas ta' somma u debitur li qed isostni li ghnadu jhallas somma inferjuri, ghandek vertenza ovvjament. Issa vertenza tista' tigi transatta biss jekk ikun hemm il-kunsens taz-zewg partijiet espress fi skrittura "ad validitatem" (Art. 1233, Kap. 16). Fil-kaz in ezami mhux biss ma hemmx skrittura li tghid li l-partijiet qed jittransigu l-vertenza ta' bejniethom dwar id-differenza fl-ammont pretiz, izda l-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet ta' kull sena kienet tghid l-oppost! Ghalhekk zgur li ma sehhet ebda transazzjoni fejn il-kreditur accetta xi pagament inqas minn dak li kien qed jippretendi "ghas-saldu".

Lanqas ma jista' jigi argumentat li bil-fatt li jkun gie msarraf ic-cheque mis-socjeta' attrici din tkun irrinunzjat ghall-bilanc minnha pretiz. Biex isehh rinunzja din trid tkun saret b'mod espress u univoku. Fil-kaz in ezami sar proprju l-oppost. Ma kull cheque li kienet tircievi bin-nieqes

minghand il-konvenut noe, is-socjeta' attrici kienet tikteb lura u tghid li qed issarraf ic-cheque akkont u tirrizerva li tipprocedi ghall-bilanc. Dan kien jigi segwit b'ittri ufficjali u eventwalment b'kawzi fuq firxa ta' snin. Mhux talli ma kienx hemm rinunzja espressa u univoka, imma s-socjeta' attrici dejjem irrizervat id-dritt taghha li tagixxi ghall-hlas tal-bilanc u segwiet din ir-rizerva b'azzjoni gudizzjarja kontinwa, konsistenti u konkomitanti mal-accettazzjonijiet tal-hlasijiet bin-nieqes li kienu qed isirulha. Ghalhekk zgur li t-tisrif tac-cheques ma setghux jimplikaw rinunzja.

Illi apparti t-transazzjoni u r-rinunzja jew mahfra tad-dejn fuq trattati, ma jidhirx li f'din il-kawza il-konvenut noe qed jinvoka xi mod iehor kif l-obbligazzjoni tieghu spiccat minn fost dawk kontemplati fl-art. 1145. Ghalhekk guridikament it-tisrif tac-cheque offrut bhala pagament ghas-saldu,pero' accettat bhala akkont mill-kreditur, zgur li ma jtemmx l-obbligazzjoni tad-debitur, kif qed jippretendi l-appellat noe. Inkella jkun id-debitur li b'semplici kwalifika ta' hlas ghas-saldu jiddeciedi arbitrarjament u unilateralment kemm ghandu jhallas. F'kazijiet analogi l-unika soluzzjoni guridika hi li l-pagament li jkun sar jigi akkreditat lid-debitur u l-kwistjoni kollha tibqa impregudikata.

Ghaldaqstant is-socjeta' appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, billi fl-ewwel lok tordna l-isfilz tan-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine minnu

pprezentata fl-14 ta' Awissu 11997, u ma tiehux konjizzjoni ulterjuri taghha, u tirrinvija l-process lill-ewwel Qorti biex ikun hemm decizjoni fuq l-eccezzjonijiet kontenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet originali tal-konvenut noe. Jew tiddeciedi li, anki jekk in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kienet ammissibbli u ghandha tibqa' fil-process, li din l-eccezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant noe, u l-process rinvjat lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni fuq in-nota tal-eccezzjonijiet originali, jekk hu l-kaz.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAL-IMSEMMI ERIC PACE BONELLO GHAN-NOM U IN RAPPRESENTANZA TAS-SOCJETA' BRITTANIA FINANCIAL SERVICES LIMITED**

6. L-appellat nomine wiegeb hekk :

Illi l-esponenti umilment jissottometti li s-sentenza moghtija in prim istanza hija gusta u timmerita konferma ghas-segwenti ragunijiet :

A. Illi fl-ewwel lok bir-rispett lejn il-parti l-ohra l-kwistjoni ta' procedura li qeghdin jigu sollevati f'din l-istanza huma kompletament barra minn lokhom. Li kieku l-parti l-ohra hassitha aggravata b'din in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri hija kellha kull opportunita' tissolleva dan in prim istanza. Dan f'ebda mument ma tqajjem la meta giet prezentata u anqas aktar 'il quddiem meta nghalqu l-provi u saret it-trattazzjoni. Il-ligi nostrali llum thares principarjament lejn il-fatt li ebda naha ma tiehu

xi vantagg fuq l-ohra bil-procedura. Fil-kawza odjerna l-parti l-ohra ma gietx svantaggjata bhal ma setgha kien il-kaz kieku per ezempju giet prezentata nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri wara li kawza giet differita ghas-sentenza fejn ghalhekk naha ma tkunx tista' tressaq il-vuci taghha. Dan kollu ma sehhx. Ma dan irid ukoll jinghad li jekk b'xi mod remot il-parti l-ohra hassitha daqshekk aggravata messha pprezentata talba ghall-isfilz hemm in prim istanza u mhux issa fl-appell. Bir-rispett kollu jidher car li dan l-attakk legali qed isir b'dan il-mod f'dan l-istadju ghax appunti l-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-esponenti kif sottomessa fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri. Terga u tghid lanqas ma jaghmel xi forma ta' argument li wiehed jghid li l-konvenut huwa prekluz milli jressaq nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fis-sens li jekk ma giebx din mill-ewwel allura tilef l-opportunita'. Bir-rispett jinghad li l-leglislatur jaghti din il-fakulta sabiex kull difiza possibbli tista' tingieb u hekk huwa l-insenjament ta' dawn il-Qrati.

B. Illi ghar-rigward it-tieni argument sollevat fil-paragrafi ghaxra sa tlettax (10-13) l-esponenti umilment ma jistax jaqbel mas-sottomissjonijiet hemm kontenuti. L-esponenti jirrileva li l-punt gie dibattut fil-fond in prim istanza u z-zewg difensuri kellhom kull opportunita jaraw u jistudjaw is-sentenzi esebiti, terga anki l-istess Qorti ma qabditx u ddecidiet ghax jidher car mill-atti li damet tiddelibera fuqha. U kellha ragun l-ewwel Qorti tiddeciedi kif ghamlet billi gustament irriteniet li l-offerta li saret mill-konvenut lill-attur kienet

verament wahda ghas-saldu. Tant kienet hekk li kien hemm miktub u dikjarat. Kif gie deciz diversi drabi l-attur kellu l-ghazla li jew jaccetta jew jirrifjuta. La darba accetta kien qieghed jaccetta fuq il-bazi tal-kondizzjonijiet li hemm gew indikati. Iz-zewg socjetajiet huma wkoll fin-negozju u kif inghad ma twieldux il-bierah u dan aktar u aktar induca lill-ewwel Qorti tiddeciedi kif ghamlet.

Ghalhekk quddiem dan l-appellat nomine jissottometti li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tal-istess.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

7. L-aggravji tas-socjeta' attrici appellanti huma tnejn, jigifieri

(i) l-ewwel Qorti ma messhiex hadet kont tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri li giet ipprezentata b'mod irritu u mhux skond il-ligi tal-procedura ;

(ii) li ghalkemm l-ewwel Qorti semghet il-provi fil-meritu, xorta ddecidiet il-kawza biss fuq in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri, minkejja t-trattazzjoni orali, fejn gie sottomess li tali nota kienet inammissibbli skond il-ligi.

8. Dwar l-ewwel aggravju, mill-atti tal-kawza tassew jemergi li l-prezentata tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri giet inkluza wara li kien hemm l-ewwel dehra (seduta tas-27 ta' Gunju 1997, fol 6) u l-kawza

giet differita ghall-provi kollha attrici. Sadanittant pero' ghandu jinghad li ma kienux instemghu xhieda u din in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri giet notifikata lill-konsulent legali tal-appellant (fol 7). Illi ghalkemm huwa minnu li l-konvenut appellat nomine ma pprezenta l-ebda rikors jew talba formali biex jigi awtorizzat jipprezenta l-eccezzjonijiet ulterjuri, jirrizulta li l-kontroparti appellanti mhux biss ma opponietx jew ma oggezzjonatx ghal dina l-inkluzjoni ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri imma talli kienet addirittura kompartecipi f'atti li kienu relatati direttament ma' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti nomine. Di fatt, mill-verbal tas-seduta datata s-16 ta' Ottubru 1997 (fol 17 u 18 tal-process) jirrizulta li, fil-presenza tal-avukat tas-socjeta' appellanti, l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine giet irtirata u di piu', il-kawza giet differita (ara l-ahhar paragrafu a fol 18) "biex issir trattazzjoni dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jekk ikun il-kaz biex il-konvenut jibda l-provi". Fil-fatt jirrizulta li l-konvenut nomine wara beda jressaq il-provi tieghu bla ma giet registrata xi oggezzjoni da parti tas-socjeta' attrici. Illi mhux hekk biss, jirrizulta inoltre li l-kontendenti, debitament assistiti, irregistraw verbal iehor flimkien man-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri, (ara Dok FTG1 sa FTG97, fol 8 – 14 tal-process). Dan kollu jevidenzja li l-appellant mhux talli qatt ma oggezzjona ghan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri imma talli ressaq argomenti kif ukoll provi min-naha tieghu sabiex bihom juri li huwa qatt ma rcieva pagamenti "per saldu". Kien biss wara li l-ewwel Qorti ddecidiet il-mertu a bazi ta' dawn il-pagamenti li, allura fi stadju ta' appell, li s-socjeta' appellanti bdiet tirregistra

formalment l-opposizzjoni taghha ghall-ammissjoni ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ladarba mhux biss jirrizulta li dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri ma gewx sfilzati imma sahansira l-partijiet dahlu fihom ukoll, ifisser li kien hemm accettazzjoni, f'forma ta' adezjoni implicita dwarhom da parti tas-socjeta' attrici u li ghalhekk issa certament mhux il-kaz li jitregga l-process kollu lura. Lanqas ma jista' minimament jigi ritenut hawn li xi parti giet zvantaggjata fil-mument li dahlu dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri ghaliex, kig gja' intqal, il-kontroparti attrici kienet pjenament a konoxxenza ta' dak kollu li kien qieghed isehh. Ovvjament kien ikun dejjem ahjar li kieku kull parti osservat ad unguem dak li hemm imnizzel fil-Kodici tal-Procedura izda l-possibbilta' li jigu pprezentati eccezzjonijiet ulterjuri mhix xi haga li ma tistax issir kif hemm previst fil-ligi pero' darba li l-parti avversa jidher li kkonsentit li dawn jigu inkorporati fl-atti fl-istadju inizjali tal-procedura u kellha l-opportunita' shiha li tikkontrolla dak kollu li kien qieghed jigri, kompriza l-possibbilta' ta' opposizzjoni formali ghalihom, ma huwiex certament il-kaz li issa jintalab l-isfilz ta' dawn l-eccezzjonijiet. Illi ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

9. It-tieni aggravju huwa relatat ma' dak ta' qablu fis-sens li darba li l-eccezzjoni ulterjuri hija ammissibbli, din il-Qorti qieghda tigi invitata biex tirrikonsidra mill-gdid il-posizzjoni legali dwar l-import ezatt ta' kliem akkompanjanti hlas jew hlasijiet li naha (il-pagant) tkun qed tghid esplicitament u espressament li l-hlas qed isir "per saldu" filwaqt li l-

parti li qeghda tircievi, filwaqt li tinkassa l-flus, twiegeb li dan qeghda taghmlu jew ghamlitu bla pregudizzju tal-ammont bilancali li, skond hu, baqa' skopert u kwindi ghadu dovut. Illi filwaqt li din il-Qorti apprezzat il-mod ferm abbli li bih id-difensur ta' l-appellant ressaq diversi sottomissjonijiet studjati biex juri li l-appellant kien intitolat jinkassa l-hlasijiet ricevuti bla ma jidher li b'xi mod irrinunzja ghad-dritt li jesigi l-bilanci li skond hu baqghu dovuti, din il-Qorti jidhrilha li fuq l-iskorta wkoll tad-decizjoni moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Raymond Bonnici noe vs Horace Tonna', mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' April 1992, u decizjonijiet ohrajn fiha citati u li "a loro volta" gew ukoll citati mill-ewwel Qorti fil-korp tas-sentenza meritu ta' dana l-appell, is-sottomissjonijiet min-naha tas-socjeta' appellanti rigwardanti din it-tieni parti ta' l-aggravju hija wkoll infondata. Dan ghaliex in tema legali u fejn ic-cirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qieghed isehh, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora il-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaccettah b'kondizzjonijiet u b'rizervi li intrinsikament u necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu (hekk ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet "W. Apap vs J. Gasan noe" tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Novembru 1986). Dak li kien hemm imnizzel fl-ittri akkompanjanti kull hlas mill-appellat nomine u li saru tramite "cheques" ma jhalli l-ebda dubbju li l-intenzjoni tal-konvenut nomine kienet cara. L-appellant ghandu kull dritt li jibqa' jahsibha mod

iehor imma oggettivament, u certament il-fehma ta' din il-Qorti hija li l-posizzjoni kif argomentata u pprospettata mill-appellant hija legalment insostenibbli u guridikament mhix accettabbli. Ghalhekk ukoll ir-regoli minnu citati dwar transazzjonijiet u rinunzji ma japplikawx ghal dan il-kaz u qeghdin jigu respinti. Ghalhekk isegwi li dan it-tieni aggravju wkoll m'huwiex fondat u qed jigi kwindi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata kif moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) <u>tichad</u> l-appell tas-socjeta' attrici appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mg